32007R0166

21.2.2007 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 52/3

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 166/2006

tas-16 ta' Frar 2007

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura statistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmijin fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata kompletament jew parzjalment fuqha jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali għaliha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-għan ta' l-applikazzjoni ta' miżuri tariffarji jew miżuri oħra marbutin mal-kummerċ fl-oġġetti.

(3) Skond dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu kklasifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2, għar-raġunijiet elenkati fil-kolonna 3 ta' din it-tabella.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1930/2006 (ĠU L 406, 30.12.2006, p. 9).

(4) Hu xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni dwar it-tariffi li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, li hi marbuta mal-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skond dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun invokata mid-detentur, skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-miżuri previsti f'dan il-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom ikunu kklasifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot u li hi maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, li mhijiex skond dan ir-Regolament, tista' tkompli tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni
Laszlo KOVACS
Membru tal-Kummissjoni

(2) ĠU L 302, 19.10.1992, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni(Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Prodott kontra l-iffriżar għat-twieqi tal-vetturi, bil-kompożizzjoni li ġejja (perċentwali skond il-piż): - alkoħol etiliku aktar minn 90.0 - ilma inqas minn 7.4 - Glikol ta' l-etilene *(ethanediol)* 1.3 - denaturant: *butanone* (jew *methyl ethyl ketone*) 1,3 Il-prodott huwa ppakkjat fi fliexken ta' litru u ta' 3 litri, u f'kontenituri ta' madwar 100 litru. Il-prodott jitqiegħed fis-suq għall-konsumaturi u għall-utenti professjonali, u huwa ddestinat biex jintuża b'mod dirett bħala prodott kontra l-iffriżar. It-temperatura ta' l-iffriżar tal-prodott meta mħallat ma' l-ilma b'volum ta' 50% hija -28°C.	3820 00 00	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, u mill-kliem tal-kodiċi NM 3820 00 00. Għalkemm dan il-prodott fih alkoħol etiliku denaturat, ma jitqiesx klassifikabbli taħt il-kodiċi 2207 minħabba ż-żieda ta' sustanzi oħra. < Il-prodott huwa eskluż mill-kodiċi 2207 minħabba ż-żieda tal-glikol ta' l-etilene , li jagħmlu aktar addatt għall-użu li għalih huwa maħsub > Fil-fatt, il-komponenti varji ta' dan il-prodott jagħtuh, b'mod espliċitu, funzjonijiet speċifiċi addattati għat-tneħħija tas-silġ mit-twieqi tal-vetturi. Speċifikament: - il-funzjoni tal-ħarsien kontra l-inġazz hija żgurata mill-alkoħol etiliku u mill-glikol ta' l-etilene ; - il-funzjoni tat-tindif hija żgurata mill-alkoħol etiliku; - il-funzjoni tal-ħarsien kontra l-fwar hija żgurata mill-glikol ta' l-etilene . Il-funzjoni tal-komponenti varji u l-mod ta' kif dan il-prodott jinħareġ fis-suq ifissru li l-prodott jikkorrispondi mal-kliem tal-pożizzjoni 3820 00 00 "Preparazzjonijiet għal kontra l-iffrizar" u "likwidi ppreparati għat-tneħħija tas-silġ".